MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 194/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandro Camilleri)**
**Vs**
**Nazzareno Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer naqas li jhallas il-manteniment ta' LM 250 ghax-xahar ta' Marzu, 2008, lil martu Maria Abela w dan skond digriet mahrug mill-Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fit-3 t'April, 2007 citazzjoni nru. 118/07JA.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai

termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ordnatlu li jhallas is-somma ta' € 582.30 fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti fissret lill-appellant fi kien car il-portata tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella w tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u tilliberah minnha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti :
1. illi fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-esponent hati ta' l-akkuza kif dedotta abbazi tal-provi li gew prodotti quddiemha;
a. illi d-disposizzjoni tal-ligi li dwarha l-esponenti nstab hati tinstab fl-artikolu 338(z) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta;
b. illi mill-provi prodotti, rrizulta car li l-esponenti, stante l-mandat ta' sekwestru hawn fuq imsemmi, ghandu fil-prezenti biss dhul ta' tlett mitt lira Maltin (LM300), jew ahjar sitt mija disgha w disghin Euro (€ 699). Minn dan l-ammont, huwa jkollu jhallas lill-martu Maria Stella Abela l-ammont ta' hames mija tnejn u tmenin Euro u erbgha w tletin centezmu (€582.34) u cioe' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250);
c. illi huwa car li m'huwiex possibbli li l-esponenti jmantni lilu nnifsu bl-ammont li jifdal kif deskritt hawn fuq, mija w sittax-il Ewro u sebgha w erbghin (€116.47) u cioe' ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin (LM50) fix-xahar. Min-naha l-ohra, l-esponent jaf u jifhem li kull digriet vigenti moghti minn Qorti kompetenti jehtieg li jigi osservat;
d. illi ghalhekk l-esponent gie effettivament mnezzgha mill-mezzi mehtiega biex hu jadempixxi ruhu mad-digriet mertu ta' dan l-umli appell, u dan l-istat ta' fatt

huwa unikament attribwibbli ghall-agir ta’ martu Maria Stella Abela;

e. illi huwa f’dan il-kuntest li l-esponenti offra lil martu l-opportunita’ li hi tithallas il-manteniment lilha dovut mill-flejjes li jinsabu depozitati fil-Qorti in segwitu ghall-mandat ta’ sekwestru mahrug minnha fil-konfront tieghu. Hi rrifjutat li tizbanka, u dan ghaliex skond hi mhux gust li hi tithallas mill-flus sekwestrati mill-paga ta’ l-esponenti, in kwantu dawn jappartjenu lilha wkoll. Dan kollu intqal minn Maria Stella Abela stess, *ex admissis* u *viva voce* fuq il-pedana tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti;

f. illi l-aggravju ta’ l-esponent huwa proprju l-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza s-sinifikat guridiku tar-rifjut ta’ Maria Stella Abela milli tithallas l-manteniment skond ma offrielha l-esponent;

g. illi r-raguni moghtija minn Maria Stella Abela ghar-rifjut taghha li taccetta l-hlas tal-manteniment hija abbuziva, vessatorja, bla gustifikazzjoni w legalment bla bazi. Dan ghaliex ihallas minn fejn ihallas il-manteniment l-appellant, xorta wahda jibqa’ l-fatt li la darba l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghadha vigenti bejn il-partijiet, mela allura kull dhul li ghandu Nazzareno Abela jappartjeni ukoll lil martu. Ghalhekk ir-rifjut ta’ Maria Stella Abela huwa minghajr gustifikazzjoni;

h. illi tant hu minnu li r-rifjut ta’ Maria Stella Abela mhux gustifikat, li fil-fatt llum hemm digriet iehor vigenti, datat tmienja u ghoxrin (28) t’April, 2008, fejn hi qablet li tibda tithallas il-manteiment lilha dovut direttament mill-paga ta’ l-esponent, qabel ma’ din tigi sekwestrata w depozitata fir-Registru tal-Qorti;

i. illi b’konsegwenza, ma’ tista’ tirrizulta l-ebda responsabbilita’ kriminali da parti ta’ l-esponent, li minhabba l-fatt li hu gie mnezzgha mill-mezzi mehtiega biex ihallas il-manteniment mensilment u minhabba li ngieb fl-impossibilita’ li jhallas, skond kif gie ordnat jaghmel fid-digriet *de quo*, offra lil martu tramite il-legali tieghu, li din tithallas mill-flus li gew sekwestrati lilu, llum ammontanti ghal eluf u depozitati fir-Registru tal-Qorti. U dan kif fil-fatt kien diga’ sar f’okkazzjonijiet precedenti;

j. illi fil-mument li Nazzareno Abela offra lil martu l-hlas tal-manteniment, hi ma kellha l-ebda dritt li, kappriccozament u minghajr ebda gustifikazzjoni, tirrifjuta

dan il-hlas, fil-mument li hi taf li zewgha huwa finanzjament msallab senjatament minhabba mizuri legali li hi appuntu hadet fil-konfront tieghu;

k. illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza li l-fatt ta' dan ir-rifjut ibiddel konsiderevolment l-aspetti legali in kwistjoni, in kwantu l-offerta maghmula mill-esponeti, ghalkemm rifjutata ma tista' qatt tikkonstitwixxi nuqqas milli jhallas;

l. illi altrimenti, l-ligi tkun qed tippermetti lil persuna li lilha jkun dovut il-hlas ta' manteniment il-fakulta' li tiddeciedi meta w kif tithallas, bil-konsegwenza li jkunu jistghu jittiehdu proceduri penali kull meta din il-persuna kappriccozament u minghajr ebda jedd tirrifjuta li tithallas bl-unika mod possibbli ghal dan il-hlas;

2. Illi fit-tieni lok, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-imputat in kwantu l-ghemil kontravvenzjonali lilu addebitat gie fis-sehh unikament minhabba l-agir vessatorju, vendikattiv u abbuziv ta' martu Maria Stella Abela;

a. illi l-esponenti, wara li gie ordnat ihallas il-manteniment favur martu Maria Stella Abela, safa intimat permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, mitlub u ottenut mill-istess Maria Stella Abela bin-numru 70/2007, permezz ta' liema mandat ta' sekwestru gie mharrek bhala sekwestratarju anke l-persuna li thallas lill-esponenti is-salarju tieghu;

b. illi b'konsegwenza ta' l-istess mandat, l-esponent qieghed jircievi fizikament biss sitt mija tmienja w disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), ekwivalenti ghal tlett mitt lira Maltin, mis-salarju tieghu. Minn dawn, huwa irid ihallas mitejn u hamsin lira Maltin u cioe' hames mija tnejn u tmenin Ewro u tletin centezmu (€582.30) lill-martu ghall-manteniment;

c. illi in segwitu ghal dan il-mandat, l-esponenti intavola rikors, bin-numru 147/2008, fejn huwa talab ir-revoka *in toto* jew alternattivament in parte ta' l-istess mandat. Fil-mori ta' dan ir-rikors, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), permezz ta' digriet moghti, ordnat li l-manteniment dovut lill-mart l-esponenti Maria Stella Abela jibda jithallas direttament mill-persuni li jhallsu s-salarju ta' l-esponent. Kien biss fuq inizjattiva ta' l-esponenti li ttiehed dan il-provvediment;

d. illi dan kollu juri bic-car li l-intenzjoni ta' Maria Stella Abela kienet li ssallab lill-esponenti w li tivvendika ruhha minnu. Dan kollu jsib sostenn mill-fatti, anke kif suespost, li juru li Maria Stella Abela taghmel ir-rapporti fil-konfront ta' l-esponent minn qabel ma jkun skada z-zmien li fih l-esponent ghandu jaghmel il-hlas kif ordnat. Dan jista' jigi facilment rilevat mill-atti processwali, senjatament l-affidavit li hemm anness ma' l-akkuza maghmul minn WPC 174. jidher bic-car li Maria Stella Abela rrapportat lil zewgha fid-19 t'April, 2008. jigi rilevat ukoll li mid-digriet *de quo* ma tirrizultax data jew jum specifiku li fih l-esponent kien obbligat ihallas il-manteniment. Ghalhekk l-esponent jista' wkoll ihallas il-menteniment kif obbligat li jaghmel mensilment fl-ahhar jum ta' kull xahar. Di piu' l-esponent ghandu wkoll il-jedd li jhallas il-manteniment minghajr ma jinkorri responsabbilita' kriminali sa hmistax-il jum mill-iskadenza. Dan kollu qed jinghad biex dina l-Qorti tifhem sewwa x'inhuma l-iskopijiet u l-intenzjonijiet ta' Maria Stella Abela, u cioe' li tiftah multitudni ta' proceduri penali sakemm fl-ahhar l-esponenti jigi kkundannat ghal prigunerija;

e. illi ghalhekk jidher car li l-appellant kien fl-impossibilita' finanzjarja li jhallas il-manteniment dovut, u dan ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-martu Maria Stella Abela;

f. illi bl-aktar mod irresponsabbli, Maria Stella Abela qed tiehu vantagg mill-ligi w mis-sistema gudizzjarja nostrana sabiex twettaq il-vendetta taghha fuq l-appellant, u sabiex tesponih ghall-konsegwenzi penali kollha hemm kontemplati.

Semghet lil **Maria Stella Abela** bil-gurament. Din xehdet li, wara posponiment qasir tal-kawza li tat din il-Qorti, flimkien mal-Avukat tal-appellant imliet id-dokumenti kollha biex tkun tista' tizbanka l-ammont lilha dovut f'din il-kawza w li ghalhekk iddikjarat li ma kienx fadalla interess f'dan il-process.

Rat in-nota tal-appellant li biha llimita' l-appell tieghu ghall-piena w irtira l-aggravji tieghu dwar il-htija.

Ikkonsidrat

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. Meta dan il-ghan jintlahaq bil-pagament tal-ammont ghas-sodisfazzjon shih ta' mart l-appellant, ikun hemm lok ghal temperament fil-piena. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** [25.9.2003] u ohrajn).

Ghalhekk, in vista ta' dan l-izvilupp posittiv li sar biss fis-seduta tal-lum fejn l-appellant u martu ghamlu l-arrangamenti biex hi tkun tista' tizbanka l-ammont li jinsab depositat fir-registru tal-Qorti Civili ghas-saldu tal-pretenzjoni taghha f'din il-kawza w f'kawza ohra bin-numru 19 fis-seduta tal-lum, jidher opportun li issa jkun hemm temperament fil-piena w li certament titnehha l-ordni ghall-hlas tal-ammont dovut li saret mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell limitatament fis-sens li tirriforma s- sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 illiberatu b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar u fejn ordnat lill-appellant ihallas ta' € 582.30 ukoll fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tikkundannah ammonizzjoni w reprensjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------